MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## MONICA VELLA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 36/2015

**Perit Emanuel Agius**

**vs**

**Zia Ul Noor**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata l-1 t'Ottubru 2013, ir-rikorrenti kera lill-intimat il-fond urban "Tobago" f'Rudolph Lane, Gzira, ghall-perjodu ta' tnax-il xahar bil-kera ta' hamsin Ewro (€50) fix-xahar, b'dan li l-istess fond kellu jintuza mill-intimat biss ghall-iskop ta' garaxx jew s*torage*;

2. Illi minkejja li l-perjodu lokatizju skada fl-ahhar ta' Settembru 2014, u ma sar l-ebda tigdid tal-kirja, l-intimat zamm il-pussess tal-fond mikri lilu abbuzivament u minghajr ebda dritt fil-ligi;

3. Illi wkoll l-intimat naqas li jhallas il-kera ghax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru tas-sena 2014;

4. Illi r-rikorrenti jrid li l-intimat jigi zgumbrat mill-fond li kien mikri lilu;

5. Illi sa fejn jaf l-istess rikorrenti, l-intimat m'ghandu l-ebda difiza x'jaghti kontra t-talbiet tieghu;

6. Illi r-rikorrenti jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil dan ir-rispettabbli Bord joghgbu:

1. Jilqa' t-talbiet tieghu minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza, a tenur ta' l-Artikolu 16A ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid ta' Kiri ta' Bini;

2. Jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond urban "Tobago" f'Rudolph Lane, Gzira entro terminu qasir u perentorju li jigi minn dan ir-rispettabbli Bord prefiss.

U dan previa kull provvediment iehor li lilu jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ir-rikorrenti qieghed jirriserva kull dritt iehor spettanti lilu skont il-ligi fil-konfront ta’ l-intimat.

Ra illi l-intimat debitament notifikat baqa’ ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b’dikjarazzjoni guramentata tal-fatti tar-rikorrenti liema fatti huma minnu maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimat ma ghandu l-ebda opposizzjoni x’jista’ jaghmel skont il-ligi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti jkunu milqugha bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien xahrejn mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------